Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' April 2020**
**(OR. en)**

**6048/20**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0024 (NLE)**

**COLAC 8**
**WTO 18**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...**

**ta' ...**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew[1+],

[1] Approvazzjoni ta' … (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[+] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data fin-nota ta' qiegħ il-paġna ta' hawn fuq.

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/...[1+], il-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") ġie ffirmat fi …[++], suġġett għall-konklużjoni tiegħu

(2) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

1 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/... ta' ...dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L...).

+ ĠU: daħħal in-numru għall-ĠU tad-dokument ST 6047/20 fil-premessa u daħħal in-numru, id-data u r-referenza għall-ĠU tal-istess dokument fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tad-dokument li jinsab fl-ST 6049/20 fil-premessa.

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 12(2) tal-Protokoll[1*].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

1 Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument ST 6049/20.